IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2021
C(2021) 1351 final

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 23.2.2021**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 7046 li tapprova ċerti elementi tal-programm ta' kooperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f'Malta**

**CCI 2014TC16RFCB037**

(IT-TESTI BIT-TALJAN U BIL-MALTI BISS HUMA AWTENTIĊI)

**DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta’ 23.2.2021**

**li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni C(2015) 7046 li tapprova ċerti elementi tal-programm ta’ kooperazzjoni “Interreg V-A Italja-Malta” għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali skont il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f’Malta**

**CCI 2014TC16RFCB037**

(IT-TESTI BIT-TALJAN U BIL-MALTI BISS HUMA AWTENTIĊI)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta’ kooperazzjoni territorjali Ewropea[1], u b’mod partikolari l-Artikolu 8(12) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7046, ġew approvati ċerti elementi tal-programm ta’ kooperazzjoni “Interreg V-A Italja-Malta” għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (“FEŻR”) skont l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f’Malta.

(2) Fid-19 ta’ Jannar 2021 l-Italja, f’isem l-Italja u Malta (“l-Istati Membri parteċipanti”), ippreżentat, permezz tas-sistema ta’ skambju elettroniku ta’ data tal-Kummissjoni, talba għal emenda tal-programm ta’ kooperazzjoni. It-talba kienet akkumpanjata minn programm ta’ kooperazzjoni rivedut, li fih l-Italja ppproponiet emenda fl-elementi tal-programm ta’ kooperazzjoni msemmija fil-punt (a), punt (b)(iii) u (iv) u l-punt (d)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, ilkoll soġġetti għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 7046.

(3) L-emenda għall-programm ta’ kooperazzjoni tikkonsisti prinċipalment fir-riallokazzjoni tal-fondi bejn l-assi prijoritarji, l-inklużjoni ta’ tipi ġodda ta’ azzjonijiet u l-aġġustament tal-miri tal-indikaturi rilevanti.

(4) F’konformità mal-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303, it-talba għal emenda fil-programm ta’ kooperazzjoni hija ġġustifikata kif xieraq mir-rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-impatt settorjali u ekonomiku tagħha fuq iż-żona tal-programm, kif ukoll l-aġġustament tal-indikaturi wara t-trasferiment ta’ fondi. It-talba għall-emenda tistabbilixxi l-impatt mistenni tal-bidliet għall-programm fuq il-ksib tal-istrateġija tal-Unjoni ta’ tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u fuq l-objettivi speċifiċi definiti fil-programm, filwaqt li tqis ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, ir-Regolament (UE)

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u l-prinċipji orizzontali msemmija fl-Artikoli 5, 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(5) Skont il-punt (e) tal-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-kumitat ta' monitoraġġ permezz ta' proċedura bil-miktub fit-23 ta' Diċembru 2020, eżamina u approva l-proposta għal emenda fil-programm ta' kooperazzjoni filwaqt li ħa inkonsiderazzjoni t-test tal-programm ta' kooperazzjoni rivedut u l-pjan ta' finanzjament tiegħu.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat il-programm ta' kooperazzjoni rivedut u ma għamlitx osservazzjonijiet skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Madankollu, l-Italja pprovdiet informazzjoni supplimentari u ppreżentat verżjoni modifikata tal-programm ta' kooperazzjoni rivedut fit-22 ta' Jannar 2021.

(7) L-elementi emendati tal-programm ta' kooperazzjoni rivedut soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(12) tar-Regolament (UE) No 1299/2013 għandhom għalhekk jiġu appruvati.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015)7046, għalhekk, jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 7046 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'din li ġejja:

   "L-elementi li ġejjin tal-programm ta' kooperazzjoni "Interreg V-A Italja-Malta" għal appoġġ mill-FEŻR taħt l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea fl-Italja u f'Malta ("l-Istati Membri parteċipanti") għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, ippreżentat fil-verżjoni finali tiegħu fid-9 ta' Settembru 2015, kif emendat l-aħħar mill-programm ta' kooperazzjoni rivedut ippreżentat fil-verżjoni finali tiegħu fit-22 ta' Jannar 2021, huma b'dan approvati:";

2. L-Anness II huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

---

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana u lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, 23.2.2021

*Għall-Kummissjoni*
*Elisa FERREIRA*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA